MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 521/2007

**Talba Nru: 521/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C 24655)

Vs

Wayne Chetcuti.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm293.72c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1008521 in rigward ta' servizzi lilu

rezi mis-socjeta’ attrici fix-xhur ta’ bejn Mejju 2006 u Jannar 2007, bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ April 2007 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma din il-kawza, u dawk ta’ l-ittra ufficjali lil banek relativa ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament efettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm293.72c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------